*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

**Minuti**

**Disa' Legislatura**

***Laqgħa numru 34***

***5.30p.m 25 t' Awissu 2021***

***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

***Assenti b'apoloġija***

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *34.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

34.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet li tiġi skużata minħabba raġunijiet personali.

## *34.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

34.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 33. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

34.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-membri tal-Kunsill li fuq nota pożittiva l-Kunsill irnexxilu jikseb fondi ta' €25,000 min skema tad-Dipartiment dwar aċċessibilita' u mobilita'. Il-ħsieb tal-Kunsill huwa biex jixtri vann modern u eletriku li ma jniġġiż l-ambjent sabiex jaqdi l-bżonnijiet essenzjali tal-anzjani u persuni b'disabilita' fil-komunita' tal-Marsa. Il-van li xtaq jixtri l-Kunsill huwa ta' madwar €40,000 u għalhekk il-Kunsill diġa' ħareġ tender għaliħ sabiex isir l-akkwist kif titlob il-liġi.

34.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kumpanija Reġina Auto Dealer huma verament interessati li jagħmlu donazzjoni ta' vann lill-Kunsill Lokali tal-Marsa kif ġieli ntqal anke laqgħat preċedenti.

34.2.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara laqgħa li kellu min uffiċjal li jaħdem fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, huwa għandhu konferma li l-open centre li hawn fil-Marsa ser tingħalaq darba għal dejjem, hekk kif fiħ l-immigranti qed jonqsu gradwalment u l-post ser ikun rranġat u ser jintuża għall-uffiċini tal-AWAS. Il-ground bit-turf li hemm fih ser ikun qed jingħata kollu lill-Kunsill Lokali tal-Marsa.

34.2.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Marsa hija fost il-finalisti sabiex tieħu t-titlu prestiġġjuż ta' Belt Kulturali 2022. Nittamaw li l-Marsa tklun ir-rebbieħa fost il-kontestanti l-oħra.
.

## *34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

34.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace wera' ritratti tal-iskips li hemm fiż-żona tal-korsa u talab kemm qegħdin jitbattlu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn qed jitbattlu kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Madankollu, ikun hemm fihom ukoll boroż suwed li dawn iridu jinġabru mall-iskeda, u ġieli ikun hemm ġebel u għadam tal-annimali. Il-Kunsillier Pace talab ukoll li dawn l-iskips jibdew jinħaslu peress li qed jkollhom riħa tinten ħafna. Is-Sindku qal li jaqbel u ser ikun qed ikellem lill-kuntrattur.

34.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa biex jitqegħdu tabelli ċari li fihom ma jistgħax jintrema' demel ġol kaxxi fl-iskips peress li jaf persuni li qalaw ċitazzjoni minħabba f'hekk. Apparti tabelli l-Kunsillier qed jitlob li jkun hemm wkoll ittra li titqassam fl-istallel u r-residenti tal-akwata.

34.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-Kunsill għandhu bżonn ikellem lill-cat feeders minħabba l-ammont kbir ta' żunżan li qed iġib miegħu l-ikel tal-qtates li jitħalla barra. Huwa importanti l-cat feeders ineħħu l-ikel zejjed li jibqa. Is-Sindku spjega li huwa għandhu lista ta' cat feeders li ser ikun qed ilaqqagħhom u jispjagalhom x'inhuma r-responsabilita' tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li l-Kunsill jixtri bowls u jqassamhom lill-cat feeders sabiex ikunu l-istess fil-lokalita'.

34.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-Ġnien 6 t'Awissu qed jiġi ffrekwentat min ċertu persuni matul diversi hinijiet. Huwa talab sabiex propju hawn tiżdied is-sorveljanza tal-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed ikellem lis-Supratendent dwar dan.

34.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jagħmel il-preparamenti għall-attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed ikellem lill-Kunsillier dwar dan u fl-laqgħa oħra tkun item għaliha.

## *34.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *34.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

34.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi esterni Marija reġina tixtieq tistieden lis-Sindku u l-Kunsilliera għall-Quddiesa solenni tal-festa nhar il-Ħadd 29 t'Awissu fis-6.00 ta' filgħaxija.

34.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab uffiċjalment lis-Sindku dwar ix-xewqa tiegħu li huwa ma jibqgħax fuq iż-żona tal-korsa minħabba li ġraw diversi affarijiet fosthom it-tneħħija ta' tabelli min Transport Malta li qed ixekklu l-ħidma tal-Kunsill li jżommu l-post siġur kif suppost. Dan wara li l-istess Kunsillier ħadem ħafna biex it-triq tiġi one-way. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill jista' jagħmel rikors bil-liġi sabiex tobbliga

lill-Transport Malta tieħu r-responsabilita' tal-periklu li ħolqot. Min naħa tal-Kunsill mill-ewwel ktibna lill-Transport Malta biex temenda s-sitwazzjoni. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku qal li l-Kunsill ser jibgħat ittra bl-avukat lill-Transport Malta u jekk l-affarijiet ma jitrranġawx jittieħdu passi ulterjuri. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Colin Pace astjena fil-vot filwaqt li l-membri l-oħra vvutaw favur.

## *34.7 Update dwar it-Trasferiment tal-operat tal-Port Reception Facility*

34.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li aġġornament importanti li l-Kunsill kellu dawn l-aħħar dwar it-trasferiment tal-operat tal-Port Reception Facility kien id-diskors tal-Onorevoli Ian Borg meta beda' jindirizza s-Sindki għar-riġenerazzjoni tal-lokalitajiet tal-Port il-Kbir. Il-Ministru qal li l-Gvern qiegħed jikkunsidra l-possibilitajiet kollha fosthom li t-trasferiment ikun offshore. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ser ikunu nibqgħu nisħqu li dan l-impjant ma jiġix fil-Marsa.

## *34.8 Tender dwar id-dawl tal-Milied*

34.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara li s-sena li għaddiet kienet ħarġet e-quote, l-Kunsill ser ikun qed jippublika tender permezz tas-sistema ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saħaq li l-Kunsill irid ikollu disinn ġdid u li jiżżanżan hawn. Is-Sindku semma li biex il-Marsa jkollha disinn ġdid totalment tagħha l-prezzijiet tat-tender irid ikun ħafna akbar, madankollu hemm lok li nkellmu l-kuntrattur biex meta jkollu disinji ġodda jġibhom il-Marsa l-ewwel. Wara li ħadd mill-membri ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.9 Tender għall-Servizz ta' Perit*

. 34.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill għandhu bżonn joħroġ tender għas-servizz ta' perit skond il-linji gwida tad-Dipartiment permezz tas-sistema eletronika ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot kien unanimu.

## *34.10 Approvazzjoni tar-Riżultati Finanzjarji Awditjati għas-sena 2020;*

34.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkutiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tar-riżultati finanzjarji awditjati tal-Kunsill Lokali Marsa għas-sena 2020. Matul l-awditjar rajna li ma kien hemm l-ebda tibdil kbir, kien hemm zvilupp zgħir fejn kellu jiġi mbiddel il-'working capital' fejn dan żdied b'€60,000 aktar mill-figuri preċedenti peress li kien

hemm xi fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ġewx inklużi fl-estimi preċedenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.11 Reklamar f'diversi postijiet fil-Marsa*

34.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li llum stess kellu laqgħa mall-kap eżekkutiv t'Infrastructure Malta dwar ir-reklamar fil-lokalita' tal-Marsa. Huwa qal li matul is-sena 2018 il-Planning Authority kienet ħarġet liġi sussidjarja 552, li fiha l-Awtroita' hija responsabbli mir-reklamar li jsir fit-toroq arterjali u anke reklamar li jidher mill-istess toroq arterjali. Il-bye law tal-Kunsill Lokali jirregola biss dak ir-reklamar li jkun fit-toroq residenzjali bħal dawk li jsib fil-U-shaped bollards. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab li xorta il-Kunsill għandhu jistudja din il-kwistjoni mall-perit u l-avukat sabiex tkun ċara. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *34.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

34.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15pm u ġiet aġġornata għas-23 ta' Settembru fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| Josef Azzopardi | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |